

# FUQ IL-LANT

HARĠA NRU.7
ĠUNJU 2023

## F' DIN IL-ĦARĠA...


- IN MEMORIAM: PAUL CINI
- SEHEM IL-PWD FL-EXPO GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU
- L-EXPO TAS-SERVIZZ PUBBLIKU
- AĦBARIJIET
  - LAQGĦA BILATERALI MAL-OECD U DG REFORM
  - IL-MANUTENZJONI MEĦTIEĠA GĦAL FUNTANA TA' TRITONI
  - IX-XOGĦOL TAL-COASTAL AND STORMWATER UNIT
- RITRATTI TAS-SOCIAL COMMITTEE


## IN MEMORIAM PAUL CINI



Permezz ta' din il-paġna, xtaqna nagħtu tislima għażiża lill-kollega tagħna l-Perit Paul Cini, li kien Direttur għat-Twettiq tal-Proġetti. Il-mewt mhux mistennija tiegħu ġrat nhar l-Erbgħa 7 ta' Ġunju 2023.

Meta smajna li ma kienx aktar magħna konna xxukkjati u mnikkta. Bosta kollegi ddeskrivewh bħala dak id-Direttur li kien ikun dejjem bi tbissima u b'dik il-vuċi partikolari. Kien iħares lejn il-ħajja b'ottimiżmu u bl-aktar mod pożittiv. Xi ċajta minn għandu ma kinitx tonqos, filwaqt li dejjem wettaq il-ħidma tiegħu bl-aktar mod professjonali u rett. Kien bniedem li jisma' lil kulħadd, anke meta kien ikun mgħaġġel. Kien bniedem li jaf jagħder, jifhem lil dak li jkun filwaqt li kellu sens ta' empatija kbira ma' dawk ta' madwaru, sew fi problemi tax-xogħol u anke f'ċirkostanzi personali.

In-nuqqas tiegħu qed inħossuh u qed nibku t-telfa tiegħu. Fl-istess ħin nagħtuh ġieħ u niċċelebraw il-ħajja li għex, li kien tant iħobb u li għixha bl-aħjar mod li seta' mingħajr ma weġġa' lil ħadd. Kien bniedem li ma jorbot xejn ma' qalbu għaliex kien konxju mill-fatt li l-ħajja hija qasira wisq.

Il-Perit Cini beda l-ħidma tiegħu fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fil-25 ta' Frar 1980 bħala student-ħaddiem. Matul is-snin, huwa okkupa diversi karigi filwaqt li kien strumentali f'bosta proġetti infrastutturali li wettaq id-Dipartiment tax-Xogħljiet Pubbliċi.

Bl-esperjenza rikka u l-kompetenza tiegħu fil-professjoni ta' Perit, dejjem ra kif jista' jgħaddi dak kollu li jaf lill-kollegi tiegħu u lil dawk kollha li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Kien bniedem uman, sensittiv u ta' qalb kbira speċjalment meta kien ikun jaf li xi ħadd mill-kollegi tiegħu jkun għaddej minn żminijiet diffiċli, speċjalment fejn ikun hemm il-mard.

Minkejja l-pożizzjoni ta' tmexxija li kellu, huwa kien raġel modest iżda fl-istess waqt kien determinat li jiffaċċja l-sfidi li jiltaqa' magħhom fil-ħajja. Il-memorja tiegħu ser tibqa' ħajja magħna permezz tal-proġetti li kien involut fihom u l-esperjenzi li qasam magħna.

Ma hemmx dubju li dan huwa żmien partikolarment diffiċli u ta' uġigħ għall-familja tiegħu. Għalhekk noffru l-kondoljanzi mill-qalb u nixtiqulhom kuraġġ u saħħa biex iġorru din it-telfa irreparabbli.

# SEHEM IL-PWD FL-EXPO GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ix-xahar ta' Mejju kien wieħed impenjattiv għall-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, hekk kif konna parteċipi fl-Expo tas-Servizz Pubbliku. Expo li fiha kellna l-opportunità li nuru kif nużaw l-aħħar sistemi teknoloġiċi, partikolarment fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

B'madwar 15,000 viżitatur fuq medda ta' tlett ijiem, il-pubbliku seta' jara u japprezza kif minn pjanta mpinġija bl-idejn issa għaddejna għal sistemi avvanzati bħal 3D printing, u photo montages.

Barra minn hekk units oħra fi ħdan il-PWD, bħal Coastal and Stormwater Unit u r-Research Planning Unit, jużaw drones u apparat ieħor. Wieħed jara x'bidliet qed iseħħu fil-kosta u l-unit l-ieħor juża informazzjoni għal riċerka.

Sistema li attirat l-interess ta' dawk li żaru l-istand tagħna kienet it-tħaddim remot tal-Funtana ta' Tritoni. B'software speċjalizzat stajna nuru kif in-real time l-funtana tista' titfieha u tixgħelha, tirregola s-saħħa tal-ilma kif ukoll tirranġa d-dawl tagħha mingħajr il-bżonn li persuna tkun preżenti fiżikament fil-control room li jinsab fis-sotterran tal-funtana.

Il-Building Management System ukoll attirat interess, saħansitra anki ssemmiet tul il-laqgħa tal-Kabinett li kienet organizzata l-MFCC stess. Il-Building Management System qed tiġi mħaddma fi Project House u permezz tagħha nkunu nistgħu nirregolaw l-użu tal-ACs, id-dawl jitbaxxa u jogħla skont kemm ikun dieħel dawl naturali fl-uffiċini, konsum tal-ilma u dawl, sistemi ta' fire detection, u CCTVs fost l-oħrajn.

Il-Maintenance and Monitoring Unit ukoll kellu l-opportunità juri kif permezz ta' app fuq mobile device, jidħlu fid-dipartiment rapporti li jindirizzaw bżonn ta' manutenzjoni in real-time.

Iżjed informazzjoni fuq l-inizjattivi murija waqt l-Expo tista' tinkiseb billi tidħol fuq dal-QR code.



# L-EXPO TAS-SERVIZZ PUBBLIKU















# LAQGĦA BILATERALI MAL-OECD U DG REFORM




Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kompla bil-ħidma tiegħu lejn it-tfassil ta' policy msejħa 'Green Transformation of the PWD' bil-ħsieb li jkunu implimentati riformi marbutin ma' żvilupp sostenibbli u azzjoni fuq il-klima. B'kollaborazzjoni mal-OECD u DG Reform (Kummissjoni Ewropea) dan il-proġett ifittex li jwassal inizjattivi integrati għall-SDGs u l-azzjoni klimatika, u jipprovdi gwida esperta fuq kif ix-xogħol tad-Dipartiment jirrifletti dawn il-miri sostenibbli. Dan il-proġett jista' jgħin ukoll fl-identifikazzjoni ta' oqsma tematiċi addizzjonali rilevanti għas-sostenibbiltà fi ħdan il-mandat tal-PWD.

Lejn l-aħħar ta' Mejju u bidu ta' Ġunju, il-PWD laqa' delegazzjoni ffurmata minn membri tal-OECD, DG Reform fejn ġiet diskussa din il-kollaborazzjoni. Din id-delegazzjoni se tkun qed tanalizza erba' proġetti li għadhom fil-fażi ta' pjanar u mir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni se jipprovdu għodda u metodi li jistgħu jiġu implimentati għal iktar sostenibbiltà fil-proġetti tagħna.

Dan huwa proġett ieħor iffinanzjat minn DG REFORM taħt it-Technical Support Instrument (TSI) li qed jibbenefika minnu d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

# IL-MANUTENZJONI MEĦTIEĠA GĦAL FUNTANA TA' TRITONI

Bejn it-8 ta' Ġunju u s-6 ta' Lulju, il-Funtana tat-Tritoni se jkun qed isirilha l-manutenzjoni annwali tagħha. Dawn ix-xogħlijiet se jkunu qed jikkonsistu fit-tindif tat-travertin, servicing tad-dawl u l-ġettijiet tal-ilma, tneħħija ta' algae u fungus, iż-żebgħa mill-ġdid tal-qiegħ tal-vaski tal-funtana u t-tindif tal-figuri tal-bronż.

Dawn ix-xogħlijiet huma parti mill-manutenzjoni programmata li trid issir kontinwament sabiex il-funtana tinżamm nadifa u bl-aħjar dehra. Tali mantunenzjoni hija meħtieġa sabiex il-funtana tibqa' tiġi konservata għal bosta snin oħra.



Tista' ssegwi [hawn] aġġornament ta' kull ġimgħa ta' fiex ikun wasal dan ix-xogħol ta' manutenzjoni.

**PEOPLE (HR) SUPPORT CONTACT:**

Ħolqiet li tajjeb tkun taf bihom:

Employee Support Programme:
https://publicservice.gov.mt/en/people/ESP/Pages/Home.aspx

Il-profil personali tiegħek tax-xogħol:
https://ns.gov.mt/#/

Żomm ruħek aġġornat b'dak li jkun għaddej fil-PWD permezz tal-paġna tagħna fuq FB:
https://www.facebook.com/publicworksdepartmentmalta

# IX-XOGĦOL TAL-COASTAL AND STORMWATER UNIT

Is-sezzjoni kostali u l-ilma tax-xita fi ħdan d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi tfassal u timplimenta proġetti f' żewġ oqsma, dak tat-taffija tal-għargħar u l-erożjoni kostali.

Is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni ta' sistema ta' ħdax-il kilometru ta' mini, kanali u droġ għat-taffija tal-għargħar, f'Birkirkara, Ħal-Lija, Ħal Balzan, l-Imsida, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbug u Ħaż- Żabbar. Isir ukoll tindif ta' diversi ġibjuni f'diversi inħawi.

Qed issir ħidma wkoll fuq numru ta' proġetti oħra sabiex intaffu l-għargħar permezz tal-estenzjoni tas-sistema tal-mini li jinsabu taħt Birkirkara lejn il-qasam industrijali ta' San Ġwann. Qed naraw ukoll il-fattibilità ta' mina sabiex jittaffa' l-għargħar fl-inħawi ta' Triq Sant'Andrija fis-Swieqi u Pembroke u bini ta' kanal taħt il-Wied tal-Imsida u fi Triq ix-Xatt, fil-Gżira.

It-taqsima tagħmel ukoll diversi xogħlijiet għal bini ta' droġ ġodda sabiex jittaffew diversi problemi ta' għargħar f'diversi lokalitajiet.

Fil-qasam tal-erożjoni kostali għadhom kif tlestew xogħlijiet ta' installazjoni ta' xbieki tal-azzar għal protezzjoni tal-pubbliku f'St Peter's Pool, Delimara. Qed jiġu wkoll ippjanati xogħlijiet oħra f'Għar Lapsi, is-Siġġiewi, fl-inħawi tal-Veċċa f'San Pawl il-Baħar, kif ukoll tul il-kosta tax-Xgħajra.

Is-sezzjoni tagħmel moniteraġġ u spezzjonijiet f'diversi inħawi tal-kosta, u f'ċerti każi jitwaqqa' blat perikoluż minn diversi lokalitajiet. Isir ukoll manutenzjoni u installazzjoni ta' tabelli li jindikaw li hemm periklu f'diversi inħawi madwar il-kosta.



*Perit Mario Ellul*

*Direttur Coastal and Stormwater Unit*









## TIFKIRA LIN-NISA KOLLHA FIL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-MARA





## ORGANIZZATI L-EŻERĊIZZJI TAR-RANDAN U MQADDSA L-QUDDIESA TAD-DULURI



## LOGĦBA FUTBOL FRIENDLY B'RISQ L-NGO STEP UP FOR PARKINSON'S




## GRUPP TA' ĦADDIEMA JAGĦTU D-DEMM FIL-JUM DINJI TAD-DONATURI TAD-DEMM